



Brussell, 6 ta' Mejju 2025
(OR. en)

7847/25

Fajl Interistituzzjonal:
2025/0055(NLE)

ACP 20
WTO 24
RELEX 430
COASI 48

ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIJONI TAL-KUNSILL dwar l-adeżjoni ta' Vanuatu mal-Ftehim Interim ta' Šhubija bejn il-Komunità Ewropea, min-naħħa waħda, u l-Istati tal-Paciifiku, min-naħħa l-oħra

DEĊIJONI TAL-KUNSILL (UE) 2025/...

ta' ...

**dwar l-adeżjoni ta' Vanuatu mal-Ftehim Interim ta' Sħubija
bejn il-Komunità Ewropea, min-naħħa waħda,
u l-Istati tal-Paċifiku, min-naħħa l-oħra**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 207(4), l-ewwel subparagrafu, flimkien mal-Artikolu 218(6), it-tieni subparagrafu, il-punt (a)(v), tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew¹,

¹ Approvazzjoni tal-Parlament Ewropew ta' [data].

Billi:

- (1) Fit-12 ta' Ġunju 2002, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni tiftaħ negozjati għal Ftehimiet ta' Šhubija Ekonomika mal-Organizzazzjoni tal-Istati Afrikan, tal-Karibew u tal-Paċifiku.
- (2) Il-Ftehim Interim ta' Šhubija bejn il-Komunità Ewropea, minn naħħa waħda, u l-Istati tal-Paċifiku, min-naħħa l-oħra² (il-“Ftehim Interim ta' Šhubija”), ġie ffírmat fit-30 ta' Lulju 2009 u ilu jiġi applikat b'mod provviżorju mill-20 ta' Diċembru 2009 f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/729/KE³. Il-Ftehim Interim ta' Šhubija ilu jiġi applikat b'mod provviżorju minn Papua New Guinea mill-20 ta' Diċembru 2009 u mir-Repubblika ta' Fiġi mit-28 ta' Lulju 2014.
- (3) L-Artikolu 80 tal-Ftehim Interim ta' Šhubija jistipula d-dispożizzjonijiet fir-rigward tal-adeżjoni miegħħuta' Stati Gżejjer oħra tal-Paċifiku. Għaldaqstant, Samoa u l-Gżejjer Solomon aderew mal-Ftehim Interim ta' Šhubija u ilhom jaapplikaw b'mod provviżorju mill-31 ta' Diċembru 2018 u mis-17 ta' Mejju 2020, rispettivament.
- (4) Fl-10 ta' Lulju 2024, Vanuatu ressquet talba għall-adeżjoni flimkien ma' offerta ta' aċċess għas-suq lill-Unjoni.

² ĠU L 272, 16.10.2009, p. 2, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_internation/2009/729/oj.

³ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tal- 13 ta' Lulju 2009 dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim Interim ta' Šhubija bejn il-Komunità Ewropea, minn naħħa waħda, u l-Istati tal-Paċifiku, min-naħħa l-oħra (ĠU L 272, 16.10.2009, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2009/729/oj>).

- (5) Il-Kummissjoni evalwat l-offerta ta' Vanuatu u qisitha aċċettabbli. Għaldaqstant, il-Kummissjoni kkonkludiet in-negozjati ma' Vanuatu fis-7 ta' Awwissu 2024.
- (6) F'konformità mal-Artikolu 76(3) tal-Ftehim Interim ta' Sħubija, l-Unjoni u Vanuatu għandhom japplikaw provviżorjament il-Ftehim Interim ta' Sħubija għaxart ijiem wara li jinnotifikaw lil xulxin bil-miktub dwar it-tlestija tal-proċeduri meħtieġa għal dak il-għan.
- (7) Jenħtieġ li l-adeżjoni ta' Vanuatu mal-Ftehim Interim ta' Sħubija tīgi approvata, soġġetta għad-depożitu minn Vanuatu tal-att ta' adeżjoni f'konformità mal-Artikolu 80(2) tiegħu,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

1. L-adeżjoni ta' Vanuatu mal-Ftehim Interim ta' Sħubija bejn il-Komunità Ewropea, minn naħħa waħda, u l-Istati tal-Paċifiku, min-naħħa l-oħra (il-“Ftehim Interim ta' Sħubija”) hija b'dan approvata f'isem l-Unjoni, soġġetta għad-depożitu minn Vanuatu tal-att ta' adeżjoni f'konformità mal-Artikolu 80(2) tiegħu.
2. It-test tal-offerta ta' aċċess għas-suq ta' Vanuatu huwa meħmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

L-Unjoni u Vanuatu għandhom japplikaw b'mod provviżorju l-Ftehim Interim ta' Sħubija 10 ijiem wara li jkunu nnotifikaw lil xulxin bil-miktub dwar it-tlestija tal-proċeduri meħtieġa għal dak il-għan f'konformità mal-Artikolu 76(3) tal-Ftehim Interim ta' Sħubija.

Artikolu 3

L-approvazzjoni tal-adeżjoni ta' Vanuatu mal-Ftehim Interim ta' Sħubija ma għandhiex tiġi interpretata bħala li tagħti drittijiet jew timponi xi obbligi li jistgħu jiġi invokati direttament quddiem il-qrati jew it-tribunali tal-Unjoni jew tal-Istati Membri.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ..., ...

Għall-Kunsill

Il-President